# Sejħa

Karl Littlejohn

Ngħiduha kif inhi, qatt ma konna mill-kwieti. Ta' tlettax konna niltaqgħu l-bandli, nittantaw lil dik u lill-oħra, naqbdu ma' min hu vulnerabbli, indoqqu l-qniepen tad-djar u naħarbu, u anke nniżżlu t-tajers tal-karozzi. Iżda min kien jobsor li għad naslu s'hawn? Waqajna fl-attivitajiet mill-aktar mhux mistennija f'soċjetà ċivilizzata. Mhux għax xi ħadd imbuttana jew influwenzana, imma ddeċidejna aħna. Lanqas bħalma jaħsbu ħafna, li konna drogati, u ridna l-flus akkost ta' kollox. Imma hekk. Dħalna f'dawn l-attivitajiet suwed b'deċiżjoni, qisu biex nesprimu ruħna, biex nuru min aħna, biex inxerrdu l-valuri tagħna, u fuq kollox, inħossuna komdi. Din hi triqitna. Ma nimmaġinax ħajja mingħajr ma nkun f'dak il-grupp li nħokku dahar xulxin, jew li nkomplu nibnu kuntatti mal-erbat irjieħ tad-dinja. Ma nħobbux inweġġgħu nies u lanqas nippretendu li xi ħadd iweġġa' lilna. Ħalluna bi kwietna.

Illum għandna ċerta arja, nammettu. L-awtoritajiet jibżgħu minna. Mhux għax nheddu jew xi ħaġa hekk, imma għax issa qegħdin f'kull rokna tas-soċjetà Maltija. Allaħares tkunu tafu f'liem irkejjen irnexxielna naslu.

Sewwasew bdejna b'erbgħa, l-aktar li jispikkaw kienu Eugenio, jien, David u Timothy. Kif diġà għidt konna nintefgħu l-bandli mill-adoloxxenza. Minkejja dan, xorta bqajt naqra u nkabbar il-ħiliet tal-għerf, u llum, qisu deċennju u nofs wara, iffilosofizzajt għala aħna hekk. Intern ħażin qatt ma kellna u kull

attività għamilnieha bi skop biex nagħtu sodisfazzjon lill-ego tagħna, fuq kollox l-idea tagħna.

Fl-ewwel ftit xhur meta bdejna noperaw fuq il-ħidma tagħna ġabuna fil-ġurnali b'titli bħal "Grupp ta' żgħażagħ iwettqu serqa f'ħanut tal-merċa f'Ħal Balzan," "Żgħażagħ b'rabta ma' organizzazzjonijiet mafjużi f'serje ta' serqiet u theddid f'kull naħa tal-pajjiż," "Bidu ta' mafja Maltija?" Mur fehemhom! In-nies kollox jibilgħu, allura poġġiha għall-istampar. Flus għamilna kemm trid. Avukati qabbadna, xaħħamna wkoll. Naf. Naf li forsi jkun hawn min jiddarras min jisma' jew jaqra dal-kliem mingħandi, iżda min hu dak il-fidil li jaħseb li l-awtoritajiet mhux kompliċi magħna, jew li jagħmlu affarijiet malinni anqas minna? Stejjer fuq stejjer fuq il-*media* Maltija u barranija. Kulħadd bil-verżjoni tiegħu. Darba konna fil-flett ta'Timothy naraw l-aħbarijiet, kollha ddominati b'rapporti fuqna. Wara, fuq l-istazzjon nazzjonali, il-preżentatur perċimes iddedika programm fuqna fost il-ħafna sfafar u ċirimelli fis-sala tal-programm. Kieku tafu kemm għoxejna. Kulħadd fehemna għandi ngħid. Qatt ma qtajna qalbna. Ħrattna l-Ewropa u lil hinn, infiltrajna sew, l-attivitajiet espandew. M'iniex se nidħol fin-natura x'konna nagħmlu u ma nagħmlux eżattament għax mhux l-iskop. Ħadd mhu se jaqbad tarfna. Min ipprova, jew spiċċa ngħaqad magħna, jew inkella spiċċa għeja u daħal f'għelieqi fejn mhux suppost kellu jidħol. Kattivi? Nimminaċċjaw? Lanqas xejn. Hemm biss sett ta' regoli sempliċi u ċari. Jekk wieħed isegwihom, faċilment igawdi magħna. L-aktar ħaġa li saret turtana wara dawn is-snin kollha hi d-defiċjenza repetittiva. Ta' nies li mingħalihom jifhmuna, u ma jafux farka fuqna. Darba ġejt mistieden fuq programm popolari. Fl-istudjow konna jien u l-ġurnalist, li nammetti b'wiċċi minn quddiem li kien bravu u intelliġenti. Waħda mix-xeni partikolari marret hekk:

"Imma mhux qed nifhem, jiġifieri intom qed tagħmlu l-attivitajiet kriminali biex tisfidaw?"

"Jekk ittini ċans, inwieġbek bil-qalb kollha."

"Irrid risposta konkreta u qasira, Ruben."

"Fil-qosor se nkun tibżax. Aħna ma nagħmlux sfidi, imma noffru opportunità ta' sfida. Din hi differenti. Aħna mhux direttament nisfidaw biex nidhru *cool*, imma noffru l-opportunità tal-isfida. Min irid, jilgħab magħna."

"Jiġifieri tridu tilagħbu?"

"Mhux bħal logħba noli però. Aktar logħba li fiha ħsieb. Aħna qed nipprovaw nibbilanċjaw dak li n-natura ma rnexxilhiex tagħmel."

"Jiġifieri intom supremi fuq in-natura?"

"Ejja ngħidu li aħna għandna pass aktar mgħaġġel."

Programm sħiħ f'din il-forma ta' diskussjoni. Kienet pjaċevoli. Xi ħadd darba kien staqsa, kif ma tgħattux wiċċkom jew taħbu isimkom fil-*media*? U jien inwieġeb, għaliex? X'hemm x'naħbu f'dak li nagħmlu? Din hi parti mil-logħba wara kollox. Li nwaqqgħu l-maskra. Minn żmien għal żmien xi gruppi nongovernattivi jfettlilhom jagħmlu xi protesta l-belt. Isejħu l-awtoritajiet biex juru aktar ponn tal-ħadid magħna. Bħal dejjem, dawn it-tip ta' protesti jiġbru numru ta' anqas minn mitejn ruħ, ħafna minnhom uċuħ familjari li jiddelittaw ruħhom fil-protesti ta' kull tip u għamla. Kartelluni b'messaġġi qosra u diretti. Xi wħud minn dawk li jattendu jmorru bit-tfal. Insomma, ftit iħallu impatt fuqna dawn il-protesti. Kien hemm ħabta kienu jsiru ta' sikwit. Il-protesta kien ikollha kważi dejjem l-istess għamla; mixja sa quddiem il-parlament, jagħmlu nofs siegħa u kulħadd lura lejn daru, jew jieħdu l-opportunità ta' kikkra kafè minn xi ħwienet ekswiżiti li fetħu riċentament fil-belt. Strajks? Darba wieħed mar fuq strajk tal-ġuħ minħabba fina. Kienu ġabuh fuq il-mezzi kollha tax-xandir, jgħajjat fuq il-mikrofonu:

"Irridu s-sigurtà f'pajjiżna. Ma nistgħux inħallu lil dawn jieħdu *over*. Qed nappella. Ili jumejn ma niekol, u beħsiebni nkompli forsi jsir xi ħaġa."

Dam ġimagħtejn sakemm kellu jiddaħħal l-isptar ħabba d-debbulizza. Sagħtejn wara arrestawna, beda jerġa' jiekol. Sa erbgħa u għoxrin siegħa wara, ġie rrappurtat li aħna se nkunu taħt sorveljanza kontinwa. Tistgħu timmaġinaw, Facebook kif infaqa'. Kulħadd ifaħħar l-awtoritajiet, il-pulizija, eċċ. Minn dan il-każ għaddew xi sentejn u mhux talli għadna għaddejjin, talli intensifikajna sew. Dan il-proxxmu li kien għamel l-istrajk tal-ġuħ sentejn ilu ma reġax tniffes. Ma smajniex b'aħbaru, bit-Taljan kien *messa in scena* ieħor.

Konna sorpriżi mhux ftit meta ġbarna ħafna appoġġ morali minn xi studenti tal-Università. Riedu jiltaqgħu magħna u wara ftit ġimgħat ħarġu bl-idea li nkunu mistidnin fuq il-Kampus u niġu intervistati mill-organizzazzjoni ewlenija tal-*Media* Universitarja. Kienet inqalgħet polemika mhux biss fl-Università imma anke lil hinn. Saħanstira anke l-Għaqda Studenteska Ewropea qabżet għalina. Il-polemika bdiet hekk kif dan il-grupp ta' żgħażagħ, aktarx studenti

mill-Fakultà tal-Arti fetħu *event* fuq Facebook – "*Meet and talk with Malta's most wanted*." Il-paġna ta' dan l-avveniment kienet suċċess f'anqas minn tnax-il siegħa wara. Biss biss ngħidilkom li sa dan il-ħin kien hemm madwar 2400 *attending*, u mistiedna xi sebat elef. Ma kinux kollha mill-Università, imma nies minn kull faxx soċjali immaġinabbli. Il-kummenti splodew, u ma nafx amment kemm-il *share* kien hemm. Min iħeġġeġ biex in-nies jattendu u jisimgħu, min jitkaża li l-università spiċċat, u oħrajn xerrdu l-avveniment biex ikomplu jsaħħnu l-qiegħa tad-diskussjoni kif dejjem jagħmlu. Ma damx wisq sakemm l-għada, ir-rettur tal-Università wissa li mhux se jkun qiegħed jagħti l-permessi neċessarji biex tiġi organizzata l-attività u saħaq li attivitajiet ta' dan it-tip imorru lil hinn minn kull prinċipju li tħaddan l-Università ta' Malta. Il-Kunsill tal-istudenti qagħad ftit 'il bogħod u ma tantx esprima ruħu wisq. Għaldaqstant l-istudenti esprimew appoġġ fuq livell individwali. Sa tmiem il-ġimgħa, il-pulizija fi stqarrija kienet qalet li qiegħda tindaga l-każ, u żiedet li l-mistiedna għandhom rekord qawwi kriminali. Ma damx wisq li ħareġ l-istqarrija wieħed mill-avukati tagħna u tenna fuq il-fatt li kulħadd huwa innoċenti sakemm jinstab ħati.

Bis-sewwa jew bid-dnewwa, l-attività saret. L-organizzazzjonijiet studenteski ewlenin, bl-ispag marbut fuq il-kuruna ta' rashom, qagħdu lura, iżda stajt tilmaħ xi wieħed jew tnejn taħt xi siġra fuq wara tal-folla, imlibbsa nuċċali tax-xemx, tistħajjilhom is-servizzi sigrieta tal-università. Ir-rettur kellu jċedi. Ftit jiem qabel, irċieva turrun ta' ittri mill-avukati tagħna, Maltin u barranin, iwissuh li ma jistax joħnoq il-vuċi ta' ċittadin f'soċjetà demokratika. Kull ittra saħqet fuq il-punt li qatt ma ġejna misjuba ħatja. Il-mistoqsijiet li staqsewna ż-żgħażagħ ma tawniex xi mumenti diffiċli. Domandi simili weġibniehom qabel fuq stazzjonijiet televiżivi, radju, gazzetti, rivisti, eċċ. Ċapċip kien hemm kemm trid, waħda f'waħda, però onestament ma stajniex nifhmu għaliex dan l-appoġġ apert, meta nafu li l-istudenti kurrenti rari jkunu minn ta' quddiem biex isemmgħu leħinhom. Mill-Kampus ħrabna kmieni għax dik il-lejla stess kellna waħda mill-attivitajiet tagħna. Lanqas in-nisa tagħna qatt ma fehmuna. Eugenio ilu ma' tiegħu għal dawn l-aħħar seba' snin u sikwit tistaqsih id-domandi pertinenti li tistenniehom biss fuq xi programm li jkun kompost b'nies fis-sala. Darba ddeċidejna li nieħdu vaganza man-nisa tagħna, u rħejnielha fil-muntanji tad-Dolomiti. Ma kienet

vaganza xejn għax kważi spiċċajna nfridna minn mal-maħbubin tagħna. Fit-tieni jum tagħna waqt li konna qed nieklu f'ristorant bnin, Martha dehret ftit ħosbiena bejn platt u ieħor:

"Eugenio, ħa ngħidlek quddiem kulħadd. Aħjar tieqfu tidħlu f'dawn l-affarijiet. Qed tipperikolaw ħajjitkom."

Skiet sħiħ fuq il-mejda. Jien kont għadni qed nomgħod biċċa laħam tal-ħaruf filwaqt li Eugenio kien għadu bit-tazza tal-inbid f'ħalqu, appena kif kien se jniżżel boqqa oħra. Kelma ġabet lill-oħra, hekk kif Eugenio sabbat it-tazza fuq il-mejda, bi ftit qtar tal-inbid aħmar itebba' t-tvalja tal-istess mejda. "Kemm-il darba għidtlek Martha? Ieqaf staqsini. Mhux se tidħol fl-inkwiet. Kompli kul hemm u gawdi l-mument."

Martha kompliet tistaqsi. Domandi ripetittivi, sakemm fl-aħħar Eugenio qam u telaq 'il barra fil-borra li bdiet nieżla. Il-klijenti l-oħra tar-ristorant indunaw li kien hemm it-tensjoni fuq il-mejda tagħna. Sa filgħaxija Martha u Eugenio ma fittxewx lil xulxin. Tiegħi, Samantha, ukoll kienet bil-buri miegħi, u tennietli li Martha kellha raġun. Il-kumplament tas-suppost vaganza qattajnieha separati 'l bogħod mill-maħbubin tagħna. Jien u Eugenio għamilna ħafna mixjiet, nikkonslaw lil xulxin u saħansitra nisħtu n-nofs l-ieħor tagħna. Għadna sal-lum ma nafux kif qattgħu l-erbat ijiem Samantha u Martha, imma ltqajna magħhom l-ajruport aħna u neżlin lura Malta, u qisu qatt ma kien xejn. Nafu biss li bejn turbulenza u oħra tal-ajruplan, dħakna ħafna. Dan li għandi xi ngħidilkom dwarna. Mhux wisq. L-attivitajiet saru popolari. Qegħdin nikbru. Id-diffikultà tagħna mhix l-attivitajiet li aħna mdaħħlin fihom, imma dawk li qatt ma fehmuna. Irraġunaw ftit. Xi ssibu diffiċli f'dak li nagħmlu? Mhux aħjar tingħaqdu magħna, nagħmlu d-dinja aħjar? Ma temmnunix, hux? Tibżgħux. Iż-żmien itina parir. Bħalma x-xemx titla' għal kulħadd kull filgħodu, l-istess kull filgħaxija, tinżel għal kulħadd. Id-dawl li juri t-triq huwa l-istess dawl li jgħammex, u d-dlam li jagħtina s-serħan, huwa l-istess dlam tal-inċertezza u l-biża'. Hekk għandna nkomplu nimxu. Kollox magħna u kontra tagħna. Inkluż intom, li tafuna u ma tafuniex; jew aħjar intom, li fhimtuna u li ma fhimtuniex.

*Is-sitwazzjonijiet u l-karattri ppreżentati f'din in-novella huma purament fittizji, u huma maħluqa mill-ħiliet kreattivi tal-awtur.*